# RAPPORT TA’ ĦIDMA 2025

# Kunsill Lokali Ħal Għargħur

## Introduzzjoni

Matul is-sena 2025, il-Kunsill Lokali ta’ Ħal Għargħur kompla jaħdem b’impenn sabiex itejjeb il-kwalità tal-ħajja tar-residenti permezz ta’ inizjattivi soċjali, edukattivi, sportivi u kulturali. L-attivitajiet organizzati matul is-sena kienu mmirati lejn diversi gruppi fil-komunità, inklużi tfal, żgħażagħ, adulti u anzjani, filwaqt li ġiet promossa l-inklużjoni, is-saħħa u l-parteċipazzjoni attiva.

## Attivitajiet Soċjali u Komunitarji

Wieħed mill-pilastri ewlenin tal-ħidma tal-Kunsill kien it-tisħiħ tal-komunità permezz ta’ attivitajiet regolari bħal:

- L-inizjattiva “Pjazza tal-Familja”, li saret f’diversi xhur matul is-sena (Jannar, Frar u Mejju), u li offriet spazju sigur u pedonali għall-familji sabiex jiltaqgħu u jipparteċipaw f’attivitajiet fiżiċi u rikreattivi.

- Attivitajiet speċjali bħall-Penalty Shootout u logħbiet tal-futbol għat-tfal flimkien ma’ Għargħur FC.

- Attivitajiet komunitarji bħal Afternoon Tea għall-anzjani u l-vjaġġ komunitarju għal Għawdex.

Dawn l-inizjattivi komplew isaħħu r-rabta bejn ir-residenti u l-Kunsill.

## Sport u Attività Fiżika

Il-Kunsill kompla jippromwovi stil ta’ ħajja attiv permezz ta’ diversi inizjattivi:

- Attivitajiet ta’ kayaking organizzati f’Mejju u Settembru.
- Il-programm “Seniors Friendly Football” li kien indirizzat għal parteċipazzjoni attiva tal-adulti u anzjani.
- Parteċipazzjoni f’attivitajiet nazzjonali bħall-iSports Day għall-anzjani.
- Avvenimenti sportivi relatati ma’ ġranet speċjali bħall-Mental Health Awareness Day.

## Edukazzjoni u Żvilupp Personali

Il-Kunsill ta importanza kbira lill-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja:

- Promozzjoni ta’ korsijiet bħal Ganutell permezz ta’ Lifelong Learning.
- Introduzzjoni ta’ ICT Course għal żvilupp ta’ ħiliet diġitali.
- Parteċipazzjoni u promozzjoni ta’ inizjattivi edukattivi bħal diskussjonijiet tal-MCAST.
- Opportunitajiet għal żgħażagħ permezz tal-programm Erasmus+.

## Servizzi tas-Saħħa

Matul is-sena ġew organizzati diversi inizjattivi relatati mas-saħħa:

- Free Health Checks b’kollaborazzjoni ma’ entitajiet speċjalizzati.
- Servizzi ta’ vaċċinazzjoni inkluż COVID-19, influwenza u pneumokokkali.
- Kampanji ta’ donazzjoni tad-demm.

Dawn l-attivitajiet għenu biex jiżdied l-għarfien dwar il-prevenzjoni u l-kura tas-saħħa.

## Attivitajiet għat-Tfal u Żgħażagħ

Il-Kunsill organizza numru ta' attivitajiet immirati lejn il-ġenerazzjoni żagħżugħa:

- Festa tal-Ilma 2025, avveniment popolari b'attivitajiet divertenti tas-sajf.
- Ħarġiet edukattivi u interattivi (ECOHIVE u Lufthansa Technik).
- Movie Night u inizjattivi oħra soċjali għaż-żgħażagħ.
- Parteċipazzjoni fil-kampanja "Rigal b'Imħabba" biex jiġu appoġġjati tfal fil-bżonn.

## Librerija u Attivitajiet Kulturali

Il-librerija pubblika baqgħet ċentru attiv fil-komunità:

- Introduzzjoni ta' **ħinijiet tas-sajf u tax-xitwa**.
- Promozzjoni tal-qari permezz ta' inizjattivi bħall-kampanja **"Aqra u Irrilassa dan is-Sajf"**.
- Sessjonijiet tal-qari għat-tfal, inkluż waqfa temporanja matul il-Milied.

## Ambjent u Sostenibbiltà

Il-Kunsill ħa sehem ukoll f'inizjattivi ambjentali:

- Workshop dwar **tnaqqis tal-iskart u ħjata sostenibbli** bħala parti mill-Ġimgħa Ewropea għat-Tnaqqis tal-Iskart.
- Attivitajiet edukattivi biex jippromwovu prattiċi sostenibbli fil-komunità.

## Tenders u Kuntratti

- GLC/02/2022 Tender – Professional Services of an Architect to Ħal Għargħur Local Council – Perit Neil Markham
- GLC/01/2024 – Tender Accounting Services – Borg Galea Audit Limited
- Tender – GLC/02/2025 – Services – Collection of Bulky Refuse from the Locality of Ħal Għargħur Using Low Emission Transport – meeting re clarification to be sent to bidder was held and clarification vetted by undersigned. To set another meeting.
- Tender – GLC/03/2025 – Works – Resurfacing of Triq Għaxqet l-Għajn including installation of lighting and benches using environmentally friendly materials and practices – fil-proċess li jidentifika u jaħtar kuntrattur xieraq għal xogħlijiet ċivili/ta'

toroq sabiex tiġi sottomessa l-formola RWP1 lil TM, u x-xogħol fuq dan għadu għaddej. Rigward il-bankijiet u d-dawl, qed jistennew proposti ta' soluzzjonijiet mill-fornituri wara diskussjonijiet li saru mal-arkitett Claire. L-informazzjoni rilevanti mistennija tiġi riċevuta fil-jiem li ġejjin u tintbagħat hekk kif tasal. Agreement being finalised with contractor. Will be sending all relevant documentation and licences to proceed with the application for RWP1 permit.
- GLC/01/2026 – Tender sabiex jinxtara vann tal-Kunsill ġie ippublikat nhar il-Ġimgħa 20 ta' Frar 2026. Il-bord maħtur irid jiltaqa' biex jagħmel l-evalwazzjoni tal-offerti. Contract agreement sent for signing.
- GLC/02/2026 – Nhar it-Tnejn 9 ta' Marzu 2026 ġiet ippublikata s-sejħa ta' offerti għal servizz ta' Contracts Manager mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur fejn l-ammont allokat huwa ta' €7,000 fis-sena. Cheapest bid kien ta' Synthesis Management Services Ltd, next Yama Yemi Ltd and 2 other bids from ICC.
- Provision and Maintenance of Traffic Signs and Road Markings in Ħal Għargħur – B. Grima
- Leasing of one low emission self-drive 5-seater vehicle by the Ħal Għargħur Local Council – United Garage Ltd (extended)

## Rappurtaġġ mingħand is-Sindku 2025

### Mariah Meli

Minn mindu bdejt nokkupa l-kariga b'responsabbilta' ta' Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur fid-19 ta' Mejju 2025, il-ħidma tiegħi kienet iffukata fuq il-ġid tar-residenti, it-titjib tal-lokalità, aktar trasparenza, u aktar involviment komunitarju, filwaqt li nipproteġi l-integrita' u l-governanza tajba fi ħdan il-Kunsill.

Dan ir-rapport jagħti ħarsa ġenerali lejn il-ħidma li twettqet matul dan il-perjodu, flimkien ma' inizjattivi, proġetti u avviżi li ġew ippubblikati mill-Kunsill Lokali.

**1. Amministrazzjoni u Tmexxija**

Tul dan il-perjodu, il-Kunsill Lokali kompla jaħdem sabiex:

- isaħħaħ l-amministrazzjoni interna tal-Kunsill;
- itejjeb il-komunikazzjoni mar-residenti;
- jindirizza talbiet u rapporti b'mod aktar effiċjenti;
- jara li jkun hemm aktar trasparenza fid-deċiżjonijiet amministrattivi u finanzjarji. Fil-fatt waqqafna kumitat finanzjarju li jinkludi l-accountants professjonali biex nimmaniġjaw sew l-ammont ta' krudituri li sibna, waqt li nibqgħu għaddejjin bil-ħidma tagħna.

- jikkollabora ma' entitajiet governattivi u reġjonali għall-ġid tal-lokalità.

Fil-laqgħat uffiċjali tal-Kunsill ġew diskussi diversi temi relatati mal-operat u l-finanzi tal-Kunsill Lokali sabiex jiġu identifikati l-prijoritajiet ewlenin għall-lokalità.

**2. Manutenzjoni u Titjib fil-Lokalità**

Il-Kunsill Lokali ħadem fuq diversi interventi ta' manutenzjoni u tisbiħ madwar Ħal Għargħur, fosthom:

- manutenzjoni ta' toroq u bankini;
- tindif u manutenzjoni ta' spazji pubbliċi;
- tisbiħ ta' ġonna u żoni miftuħa
- koordinazzjoni ma' entitajiet relevanti dwar dwal tat-toroq, sigurtà u infrastruttura;
- xogħlijiet relatati mal-ġbir tal-iskart u tindif ġenerali.

Il-Kunsill kompla wkoll jinforma lir-residenti dwar skedi u servizzi relatati mal-ġbir tal-iskart u servizzi ambjentali oħra permezz ta' avviżi pubbliċi u komunikazzjoni online.

**3. Komunità u Attivitajiet Soċjali**

Tul dan il-perjodu ġew organizzati jew sostnuti diversi attivitajiet komunitarji u kulturali sabiex jitkompla jissaħħaħ l-ispirtu komunitarju fil-lokalità.

Fost dawn:

- attivitajiet għat-tfal u l-familji;
- inizjattivi edukattivi;
- kollaborazzjonijiet mal-għaqdiet lokali;
- parteċipazzjoni f'attivitajiet kulturali u tradizzjonali;
- inizjattivi relatati mal-ambjent u l-komunità.

Il-Kunsill Lokali tat-Tfal kompla jkun involut b'mod attiv f'diversi inizjattivi, fejn ġie enfasizzat l-impenn tat-tfal fil-ħajja komunitarja u ċivika tal-lokalità.

**4. Komunikazzjoni mar-Residenti**

Il-Kunsill Lokali kompla jsaħħaħ il-komunikazzjoni tiegħu mar-residenti permezz ta':

- avviżi uffiċjali;
- komunikati online;

- laqgħat u konsultazzjonijiet;
- aġġornamenti fuq il-midja soċjali;
- pubblikazzjoni ta' informazzjoni relatata ma' servizzi u attivitajiet lokali.

Ġew ippubblikati diversi avviżi relatati ma' servizzi amministrattivi, aġġornamenti dwar l-operat tal-Kunsill u informazzjoni importanti għar-residenti.

**5. Kollaborazzjoni ma' Entitajiet u Reġjuni**

Il-Kunsill Lokali kompla jaħdem flimkien ma' diversi entitajiet sabiex jitwettqu inizjattivi favur il-lokalità u r-residenti.

Dawn inkludew:

- kollaborazzjoni mar-Reġjun tal-Lvant;
- koordinazzjoni ma' dipartimenti governattivi;
- ħidma ma' kuntratturi u entitajiet infrastrutturali;
- parteċipazzjoni f'inizjattivi reġjonali u nazzjonali.

**6. Ħarsa 'l Quddiem**

Il-Kunsill Lokali jibqa' impenjat sabiex:

- ikompli jtejjeb il-kwalità tal-ħajja fil-lokalità;
- isaħħaħ il-komunikazzjoni mar-residenti;
- jattira aktar investiment u proġetti għall-lokalità;
- jimplimenta inizjattivi ambjentali u sostenibbli;
- joffri aktar opportunitajiet komunitarji u kulturali.
- ikompli jħares l-integrita' tal-Kunsill Lokali fid-dawl tal-kredituri u proċeduri legali.
- Jaħdem favur il-wirt storiku wkoll, teid lura tat-Torri Semaforo, sejbiet ta' Xelters.

Il-prijorità tibqa' dejjem il-ġid tar-residenti ta' Ħal Għargħur u l-ħarsien tal-identità u l-karattru uniku tal-lokalità.

Nixtieq nirringrazzja lill-Viċi Sindku, lill-Kunsilliera, lill-amministrazzjoni tal-Kunsill, lill-ħaddiema, lill-għaqdiet volontarji u lir-residenti kollha tal-kollaborazzjoni u l-appoġġ tagħhom.

Permezz ta' ħidma magħquda il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur jista' ikompli jaħdem sabiex il-lokalità tagħna tibqa' waħda organizzata, sabiħa u b'kwalità ta' ħajja aħjar għal kulħadd.

## Rapport Ta' Hidma Tal-Kunsilliera 2025

### Francesca Attard

Bħala Viċi Sindku, kelli rwol attiv biex nappoġġja lis-Sindku fit-twettiq tar-responsabbiltajiet muniċipali u biex niżgura l-funzjonament effettiv tal-kunsill. Assistejt fl-organizzazzjoni u l-loġistika ta' avvenimenti fil-komunità, sabiex l-attivitajiet u l-funzjonijiet jitmexxew b'mod organizzat u effiċjenti. Kontribwejt ukoll biex ngħin lill-kunsill jerġa' jikseb stabbiltà finanzjarja permezz ta' inizjattivi ta' ġestjoni u superviżjoni responsabbli. Barra minn hekk, kont nirrapporta kwistjonijiet li jolqtu l-lokalità u naħdem mill-qrib mal-amministrazzjoni sabiex dawn jiġu indirizzati fil-pront. Ir-responsabbiltajiet tiegħi kienu jinkludu wkoll is-superviżjoni u l-amministrazzjoni tax-xogħol tal-ħaddiema tat-tindif sabiex tinżamm l-indafa u jingħata servizz tajjeb lill-komunità. Barra minn hekk, għent biex jinbeda l-proċess ta' riklamazzjoni ta' Torri tas-Semiforu, kif ukoll fl-identifikazzjoni u s-sejba ta' xelters tal-gwerra fil-lokalità.

### Christopher Fenech Responsabbli minn Ġonna Pubbliċi, Ambjent, Infurzar, Sport, Inklużjoni, Trasport Pubbliku, Traffiku u Infrastruttura

Dan ir-rapport jippreżenta ħarsa ġenerali formali u uffiċjali tal-ħidma mwettqa fil-qasam tar-responsabbiltajiet assenjati lill-kunsillier responsabbli minn ġonna pubbliċi, ambjent, infurzar, sport, inklużjoni, trasport pubbliku, traffiku u infrastruttura. L-għan tiegħu huwa li jagħti rendikont ċar tal-prijoritajiet identifikati, tal-inizjattivi mwettqa, tal-isfidi osservati u tal-impenn kontinwu favur titjib konkret fil-kwalità tal-ħajja tar-residenti u l-utenti kollha tal-lokalità.

## Viżjoni Ġenerali u Qafas ta' Ħidma

Il-ħidma f'dawn l-oqsma kienet immexxija minn prinċipji ta' governanza tajba, sostenibbiltà, aċċessibbiltà, sigurtà u servizz effettiv lejn il-komunità. Ingħatat prijorità lill-manutenzjoni regolari, lill-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet emergenti tal-lokalità, lill-koordinazzjoni mal-entitajiet kompetenti u lill-promozzjoni ta' inizjattivi li jsaħħu l-ambjent urban, is-sigurtà pubblika, il-mobilità u l-parteċipazzjoni soċjali.

## Ġonna Pubbliċi

Fil-qasam tal-ġonna pubbliċi, saret ħidma kontinwa sabiex dawn l-ispazji jibqgħu nodfa, siguri, aċċessibbli u adattati għall-familji, it-tfal, l-anzjani u persuni b'diżabilità. Ingħatat attenzjoni lill-manutenzjoni tal-pjanti u s-siġar, it-tiswija jew is-sostituzzjoni ta' tagħmir fejn meħtieġ, u l-monitoraġġ regolari tal-kundizzjoni ġenerali ta' dawn l-ispazji. Fejn kien possibbli, ġew identifikati opportunitajiet għal titjib estetiku u funzjonali sabiex il-ġonna pubbliċi jkomplu jservu ta' spazji ta' rikreazzjoni u benesseri għall-komunità.

## Ambjent

Fir-rigward tal-ambjent, sar sforz sabiex tiġi promossa kultura ta' ndafa, rispett lejn l-ispazju pubbliku u kuxjenza ambjentali akbar. Dan inkluda segwitu ta' kwistjonijiet relatati mal-indafa fil-lokalità, osservazzjonijiet dwar ġbir ta' skart, u koordinazzjoni mal-awtoritajiet u servizzi. Inżamm impenn favur prattiċi sostenibbli u favur il-protezzjoni tal-kwalità tal-ambjent lokali b'mod konsistenti u responsabbli.

## Infurzar

Fil-qasam tal-infurzar, inżamm kuntatt kontinwu mal-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġu indirizzati każijiet relatati ma' abbużi, ostruzzjonijiet, nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti lokali u sitwazzjonijiet li jaffettwaw l-ordni pubbliku. Il-ħidma kienet iffukata fuq approċċ bilanċjat bejn il-ħarsien tal-interess pubbliku, is-sens ta' dixxiplina ċivika u l-ħtieġa ta' soluzzjonijiet prattiċi li jtejbu l-kwalità tal-ambjent urban u l-esperjenza ta' kuljum tar-residenti.

## Sport

Fil-qasam tal-isport, ingħatat importanza lill-promozzjoni ta' stil ta' ħajja attiv u b'saħħtu, kif ukoll lill-użu effettiv ta' spazji u faċilitajiet sportivi fil-lokalità. Ġie sostnut kull sforz li jinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni ta' persuni ta' etajiet differenti f'attivitajiet sportivi u rikreattivi, filwaqt li ġiet enfasizzata l-ħtieġa li jinżammu jew jissaħħu l-faċilitajiet disponibbli biex ikunu aktar aċċessibbli, siguri u adattati għall-ħtiġijiet tal-komunità. Saru regolarment logħob tal-futbol għal residenti 'il fuq minn 50 sena.

## Trasport Pubbliku

Fir-rigward tat-trasport pubbliku, ġiet segwita mill-qrib il-ħidma relatata mal-aċċessibbiltà, l-effiċjenza u l-konnettività tas-servizzi li jolqtu lir-residenti tal-lokalità. Sar monitoraġġ ta' kwistjonijiet imqajma mir-residenti fir-rigward ta' rotot, waqfiet, frekwenza tas-servizz u kundizzjonijiet relatati mal-użu sigur u xieraq tat-trasport pubbliku. Fejn meħtieġ, dawn il-kwistjonijiet ġew ikkomunikati lill-awtoritajiet relevanti b'mod strutturat u responsabbli.

## Traffiku

Fil-qasam tat-traffiku, ġiet indirizzata l-ħtieġa għal aktar ordni, sigurtà u effiċjenza fil-moviment fit-toroq tal-lokalità. Ingħatat attenzjoni lill-identifikazzjoni ta' punti problematiċi, fosthom konġestjoni, parkeġġ irregolari, viżibbiltà mnaqqsa u riskji għas-sigurtà ta' persuni li jimxu u jużaw mezzi differenti ta' transport.

## Infrastruttura

Fil-qasam tal-infrastruttura, saret ħidma ta' osservazzjoni, rappurtar u segwitu dwar il-kundizzjoni tat-toroq, bankini, dawl pubbliku, sinjali, faċilitajiet pubbliċi u elementi oħra essenzjali għall-funzjonament tajjeb tal-lokalità. Kien hemm impenn kontinwu sabiex jiġu identifikati nuqqasijiet, prijoritizzati interventi meħtieġa u mressqa talbiet jew rakkomandazzjonijiet lill-awtoritajiet u dipartimenti relevanti. Dan sar bil-għan li jittejjeb il-livell ta' sigurtà, aċċessibbiltà u dehra ġenerali tal-infrastruttura lokali.

## Konklużjoni

B'mod ġenerali, il-ħidma mwettqa f'dawn l-oqsma turi impenn ċar favur amministrazzjoni responsabbli, ippjanar prudenti u servizz kontinwu lejn il-komunità. Minkejja l-isfidi li jistgħu jinqalgħu minn żmien għal żmien, baqa' jinżamm l-għan li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-lokalità b'mod serju, koordinat u trasparenti. Dan ir-rapport jikkonferma r-rieda li tkompli titmexxa ħidma favur lokalità aktar nadifa, sigura, inklużiva, organizzata u sostenibbli għall-ġid komuni ta' kulħadd.

## Kunsilliera Marilena Galea

Matul din is-sena, il-ħidma tiegħi bħala Kunsilliera kienet waħda differenti minn snin oħra minħabba l bidliet amministrattivi li għadda minnhom il-Kunsill Lokali tagħna.

Dan kien perjodu ta' tranżizzjoni, adattament u realtà politika ġdida għall-lokalità tagħna. Minkejja dawn iċ-ċirkostanzi, bqajt preżenti u viċin ir-residenti, nisma' l-ħsibijiet, il-problemi u l-bżonnijiet tagħhom.

Il-ħidma tiegħi ffukat aktar fuq komunikazzjoni diretta mar-residenti, segwitu ta' diversi sitwazzjonijiet li tressqu quddiemi u fuq li nkompli nagħti vuċi lill-komunità tagħna fejn u meta kien hemm bżonn.

Bħala persuna li ilha taħdem fil-Kunsill minn età żgħira u li serviet ukoll bħala Viċi Sindku għal diversi snin, nemmen li r-rwol ta' kunsilliera ma jitkejjilx biss bil-proġetti viżibbli, iżda wkoll bil-konsistenza, il preżenza u l-impenn lejn in-nies anke fi żminijiet ta' bidla.

Se nibqa' naħdem sabiex il-lokalità tagħna tibqa' nadifa, organizzata u tingħata s-servizzi li r-residenti jixirqilhom. Nemmen li l-indafa u l-manutenzjoni tal-lokal huma prijorità essenzjali għall-kwalità tal ħajja ta' kulħadd.

Matul dan il-perjodu rajna bidliet fil-mod kif qed jingħataw ċerti servizzi fil-lokalità tagħna, u għalhekk hemm bżonn li nibqgħu ninsistu għal standards għoljin ta' servizz sabiex ir-residenti jingħataw il-livell ta' attenzjoni li jistennew u jistħoqqilhom.

Nifhem ukoll li kull Kunsill għandu responsabbiltà finanzjarja u li d-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu b'għaqal u serjetà. Madankollu, nemmen bis-sħiħ li kwistjonijiet finanzjarji u dejn qatt m'għandhom jiġu indirizzati għad-detriment tal-kwalità tal-ħajja tar-residenti.

L-indafa, il-manutenzjoni u s-servizzi bażiċi fil-lokalità għandhom jibqgħu prijorità, għax huma dawn is servizzi li jagħmlu differenza fil-ħajja ta' kuljum tan-nies. Ir-residenti jistħoqqilhom lokalità nadifa, sabiħa u miżmuma tajjeb, u se nibqa' naħdem sabiex dawn l-istandards jinżammu.

Fuq livell komunitarju, jiddispjaċini nara li s-sotto kumitat tal-anzjani ma għadux attiv kif kien fis-snin preċedenti. Minkejja dan, nemmen lill- komunità tagħna baqgħet magħquda grazzi għall-ħidma tal għaqdiet, li f'dan ir-rigward ma nistax ma nsemmiex il-ħidma tal-Kumitat tal-Festa, li nixtieq nirringrazzja talli qed jagħmlu xogħol impekkabbli u jtellaw l-attivitajiet li mhux biss jiġbru il-flus ghal festa iżda jgħaqqdu lill-komunità tagħna, b'mod partikolari lill-anzjani u l-familji fil-lokalità tagħna.

Nibqa' kommessa li nkompli naħdem b'serjetà, dedikazzjoni u qrubija favur il-lokalità tagħna u r residenti kollha.

## Konklużjoni

Is-sena 2025 kienet sena attiva u produttiva għall-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur. Permezz ta' firxa wiesgħa ta' inizjattivi u kollaborazzjonijiet, il-Kunsill kompla jsaħħaħ il-ħajja soċjali u kulturali tal-lokalità, filwaqt li indirizza b'mod konkret il-bżonnijiet tar-residenti.

Il-Kunsill jibqa' impenjat li jkompli jibni fuq dawn is-suċċessi fis-snin li ġejjin, b'enfasi fuq komunità aktar inklussiva, attiva u sostenibbli.